MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 1996/2000/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 26 ta’ Settembru 2000 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu fil-25 ta’ Dicembru 1986;

Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal u cjoe’ Dyson u Sally ta’ tlettax-il sena (13) u ghaxar snin (10) rispettivament;

Illi z-zwieg ta’ bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment minhabba l-agir tal-konvenuta li ilha diversi xhur li abbandunat id-dar matrimonjali, lil zewgha u lil uliedhom, u dan minghajr ma ppruvat izzomm kuntatt maghhom;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Illi l-partijiet gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali bejniethom permezz ta’ Digriet tas-Sekond’ Awla datat l-10 t’Awissu 2000 (kopja hawn annessa u mmarkata Dokument “A”);

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b’tort uniku tal-konvenuta;

2. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Dyson u Sally ta’ tlettax-il sena u ghaxar snin rispettivament f’idejn l-attur;

3. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur bhala manteniment ghalih u ghat-tfal minuri, dik ir-retta alimentarja li jidhrilha xierqa;

4. Tiddikjara li l-konvenuta ddekadiet minn kull dritt ta’ manteniment minghand l-attur;

5. Tiddikjara xolta u likwida l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, u tassenja parti lill-attur u parti lill-konvenuta, filwaqt li jigu dikjarati proprjeta’ unika ta’ l-attur dawk l-oggetti mobbli u mmobbli li huma parafernali tieghu;

6. Tapplika kontra l-konvenuta l-**artikoli 48 u 55 tal-Kodici Civili** sa fejn applikabbli u in partikolari li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet successorji taghha fil-konfront ta’ l-attur;

7. Tawtorizza lill-attur jghix esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab numru 3, Ghajn tal-Hajja Junction, Qormi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo tal-14 ta’ Gunju 2001; u tal-20 ta’ Settembru 2001 fejn Dr. Nicole Vella De Fremaux ghall-attur tat ruhha b’notifikata bl-avviz tas-smiegh tal-kawza.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tal-24 ta’ Settembru 2001 fejn talab li jigi awtorizzat jinnotifika lill-konventa bic-citazzjoni wara l-hinijiet legali u jekk ikun il-kaz bil-procedura ta’ l-affissjoni.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-12 ta’ Novembru 2001 fejn laqghet ghall-mument it-talba limitatament ghan-notifika wara l-hinijiet legali.

Rat il-verbal tal-11 ta’ Jannar 2002.

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat l-1 ta’ Frar 2002 fejn talab li jigi awtorizzat johrog in-notifika permezz ta’ l-affissjoni, liema talba giet milqugha mill-Qorti permezz ta’ digriet fl-4 ta’ Frar 2002, fejn ordnat li tali notifika ssir *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12** bil-pubblikazzjoni f’gazzetta lokali wahda.

Rat ukoll ir-rikors b’urgenza ta’ l-attur datat 23 ta’ Marzu 2001 fejn talab lill-Qorti sabiex tiffissa rata ta’ manteniment fix-xahar li l-konvenuta ghandha tghaddilu kemm ghalih u anke ghall-minuri wliedhom, Sally u Dison, liema somma ghandha titnaqqas mis-salarju tal-konvenuta b’effett minn Mejju tas-sena 2000, kif ukoll li troddlu lura l-flus li abbuzivament sarrfet mill-arretrati tac-*childrens allowance.*

Rat id-digriet tal-Qorti tat-28 ta’ Jannar 2002 fejn peress li l-konvenuta baqghet ma gietx notifikata, u l-ahhar tentattiv ghan-notifika jmur lura sal-31 t’Awissu 2001 cahdet it-talba ta’ l-attur.

Rat li l-konvenuta giet notifikata bic-citazzjoni attrici permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni a tergo fol. 32.

Rat l-estratt mill-Gazzetta tal-Gvern ta’ Malta - harga numru 17,208 ta’ l-Erbgha, 27 ta’ Frar 2002 – a fol. 33 li turi l-avviz tal-pubblikazzjoni tac-citazzjoni attrici.

Rat il-verbali tal-5 t’april 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta; u tas-26 ta’ Gunju 2002 fejn Dr. Nicole de Fremaux irrinunzjat ghall-patrocinju ta’ l-attur u l-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 8 t’Ottubru 2002 (li bih esebixxa l-inkartament fejn gie ammess ghall-beneficcju gratuitu, u xi dokumenti ohra) fejn talab li l-kawza tigi riappuntata ghas-smiegh.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tad-9 t’Ottubru 2003 fejn laqghat it-talba u rriappuntat il-kawza ghas-smiegh ghad-9 ta’ Jannar 2003.

Rat ir-rikors ta’ l-attur tat-8 ta’ Novembru 2002 fejn talab li jkun jista’ jinnotifika lill-konvenuta bir-riappuntament tal-kawza permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni *ai termini* ta’ l-**artikolu 187 (3) tal-Kap 12,** liema talba giet milqugha mill-Qorti b’digriet tat-12 ta’ Novembru 2002.

Rat l-inkartament *a tergo* fol. 54 sa fol. 56, fejn saret in-notifika ghar-riappuntament tal-kawza kemm permezz ta’ l-affissjoni u anke permezz tal-pubblikazzjoni.

Rat il-verbal tad-9 ta’ Jannar 2003.

Rat in-nota tar-Registratur tat-3 ta’ Frar 2003 li maghha giet prezentata estratt minn gazzetta lokali bil-

pubblikazzjoni rikjesta in segwitu tad-digriet tal-Qorti moghti fit-12 ta' Novembru 2002.

Rat il-verbal tal-20 ta' Frar 2003 fejn l-attur iddikjara li ma jafx fejn tinsab il-konvenuta u li l-fond konjugali huwa mikri. Inghata digriet affidavit ta' l-attrici b'terminu ta' hamsin (50) gurnata.

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 11 t'April 2003 fejn talab li n-nota tieghu b'affidavit tieghu stess ipprezentata minnu fl-istess data tigi notifikata lill-konvenuta permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u pubblikazzjoni kif jipprovdi **artikolu 187 (3) tal-Kap 12.**

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-15 ta' Marzu 2003 fejn laqghat it-talba.

Rat in-nota ta' l-attur tat-28 t'April 2003 fejn ipprezenta l-affidavit ta' Tessie Azzopardi, omm il-konvenuta u r-rikors ta' l-istess attur ipprezentat kontestwalment man-nota fejn talab li d-digriet ghan-notifika bl-affissjoni u l-pubblikazzjoni jkopri wkoll ghal dan l-affidavit.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 t'April fejn laqghet l-istess talba.

Rat ir-rikors ta' l-attur tat-30 t'April 2003 fejn talab sabiex jithalla jressaq lill-Kummissajru tal-Pulizija sabiex jixhed viva voce quddiem l-Assistent Gudizzjarju bhala l-ahhar xhud tieghu, liema talba giet milqugha mill-Qorti b'digriet tat-2 ta' Mejju 2003.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2003 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex jisma' l-provi kollha tal-partijiet li ma jkunux producibbli bil-procedura ta' l-affidavits.

Rat l-inkartament fejn saret in-notifika taz-zewg noti bl-affidavits permezz ta' l-affissjoni (*a tergo* fol. 85) tal-process.

Rat il-verbali tal-11 ta' Gunju 2003; tat-18 ta' Novembru 2003; u tas-27 ta' Jannar 2004 fejn Dr. Renzo Porsella-Flores ghall-attur esebixxa kopja ta' sentenza li nghatat fil-mori. Il-konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-Qorti pprefiggietilha terminut ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex tipprezenta nota t'osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva.

Rat in-nota ta' l-attur datata 27 ta' Jannar 2004 li biha esebixxa kopja legali tas-sentenza fl-ismijiet **"Korporazzjoni Telemalta vs B u A AB"** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-15 ta' Dicembru 2003.

Rat il-verbal tal-4 ta' Marzu 2004.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata 9 ta' Marzu 2004.

Rat il-verbal tal-25 ta' Mejju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2004.

Rat li minkejja li l-kovenuta giet notifikata bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh permezz tal-procedura ta' l-affissjoni u tal-pubblikazzjoni xorta baqghet ma pprezentat ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqghet kontumaci.

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, inkluz ix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu f'Dicembru 1986 u kellhom zewgt itfal Dyson ta' sittax il-sena u Sally ta' tlettax-il sena. Johrog car mill-provi li l-

konvenuta dahket bl-attur f'diversi modi, fosthom fejn kienet tghidlu li kienet qed iggemma' l-flus li kien qed jaghtiha, meta in verita' dan ma kien minnu xejn. L-istess meta kienet tghidlu li sejra l-Isptar jew Ghawdex, meta fil-fatt kienet qed tiltaqa' ma' ragel iehor. Jirrizulta wkoll li f'Dicembru 2000 l-istess konvenuta abbandunat id-dar konjugali u sahansitra lil uliedha, liema sitwazzjoni hekk ghadha sa llum, tant li l- attur ddikjara diversi drabi f'dawn il-proceduri li ma jafx fejn tinsab martu. Dan kollu huwa bbazat fuq ix-xhieda moghtija mill-attur, li hija pero' kkorroborata in gran parti mix-xhieda ta' Tessie Azzopardi, omm l-istess attrici. Il-fatt li l- konvenuta kienet abbandunat id-dar konjugali huwa wkoll ikkonfermat mir-rapport li l- attur ghamel fl-ghassa tal-pulizija fit-13 ta' Lulju 2000 li jinsab esebit a fol. 89 tal-process. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti thoss li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha.

Illi minhabba dan l-abbandun ta' l-omm, l-ulied minorenni f'dan iz-zwieg ghandhom jibqghu fil-kura ta' l-attur u ghalhekk anke t-tieni talba ghandha tigi milqugha.

Illi minhabba l-agir irrisponsabbli tal-konvenuta *di fronte* ta' l-attur u l-familja kollha taghha, ir-raba' u s-sitt talbiet ukoll ghandhom jigu milqugha, u d-dispozizzjonijiet kollha ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16** qd jigu applikati kontra l-konvenuta.

Illi dwar it-tielet talba li dment li l-attur jibqa' ma jahdimx, huwa u l-ulied ghandhom id-dritt li jesigu manteniment minghand il-konvenuta jekk jigi ppruvat li din ghandha xi forma ta' ntrojtu, haga li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma gietx ippruvata f'dawn il-proceduri, anke minhabba l-fatt li l-attur baqa' jikkontendi li ma jafx fejn qed toqghod martu, u ghalhekk kien ukoll difficli li jistabbilixxi jekk il-konvenuta ghandhiex introjtu jew le. Ghaldaqstant ghandu jibqa' riservat id-dritt li tali talba tkun tista' titressaq 'il quddiem jekk ic-cirkostanzi jippermettu, anke permezz ta' proceduri ohra.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti din qed tigi ddikjarata bhala xolta b'effett minn Mejju 2000, u tenut kont il-fatt li

meta l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali bla ebda raguni fil-ligi, hija hadet maghha l-flus li kien hemm id-dar, u rtirat il-flus li kien hemm il-bank, apparti dak li kienet gja' gibdet, din il-Qorti thoss li jkun gust li kera tad-dar konjugali tigi mghoddija lill-attur, b'dak kollu li hemm fl-istess dar, b'dan li kull parti tibqa' zzomm dak li effettivament ghandha fil-pussess taghha llum, bl-eccezzjoni wahda li d-dejn li hemm mal-kumpanija Maltacom plc fl-ammont ta' disa' mija u ghoxrin lira Maltin (Lm920), li kien anke l-mertu ta' decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Inferjuri fil-15 ta' Dicembru 2003 ghandhom jibqghu esklussivament a karigu tal-konvenuta, *stante* li dawn saru minnha. Ta' dan l-attur ghandu jigi kkompensat mill-konvenuta jekk jigi kostrett sabiex ihallas xi parti mill-istess ammont.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuta, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn premess b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet fuq premessi u b'tort uniku tal-konvenuta, u dan *stante* li hija hatja *verso* l-attur ta' sevizzi, u eccessi u talli abbandunat id-dar konjugali u lill-familja taghha bla ebda raguni valida fil-ligi u ghalhekk iz-zwieg bejn l-istess partijiet irrizulta li tkisser irrimedjabilment.

2. Tilqa' din it-talba u tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Dyson u Sally esklussivament f'idejn l-attur;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba f'dan l-istadju *nonostante* l-fatt li l-attur ma huwiex qed jahdem, u ulied il-kontendenti ghandhom dritt li jitolbu manteniment jew kontribuzzjoni ghall-manteniment taghhom minghand il-konvenuta ommhom. Dan qed jinghad peress li f'din il-kawza l-istess rata ta' manteniment ma tistax tigi likwidata *stante* li ma giex ippruvat li l-istess konvenuta ghandha xi forma ta' ntrojtu stabbli. Ghaldaqstant jibqa' riservat favur l-attur f'ismu u f'isem l-istess uliedu d-dritt li jressaq tali

talba aktar ’il quddiem jekk ic-cirkostanzi jippermettu, u dan kollox skond il-ligi.

4. Tilqa’ din it-talba u jigi ddikjarat li l-konvenuta ddekadiet minn kull dritt ta’ manteniment minghand l-attur u dan anke ghaliex qed jigu applikati d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16** kontra taghha.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b’effett minn Mejju 2000, u din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi fuq spjegati jkun gust li kera tad-dar konjugali tigi mghoddija esklussivament lill-attur, b’dak kollu li hemm fl-istess dar, b’dan li kull parti tibqa’ zzomm dak li effettivament ghandha fil-pussess taghha llum, bl-eccezzjoni wahda li d-dejn li hemm mal-kumpanija Maltacom plc fl-ammont ta’ disa’ mija u ghoxrin lira Maltin (Lm920), li kien anke l-mertu ta’ decizjoni ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Inferjuri fil-15 ta’ Dicembru 2003 ghandhom jibqghu esklussivament a karigu tal-konvenuta. Dan qed jinghad *stante* li dawn saru minnha, b’dan li l-istess attur ghandu jigi kkompensat mill-konvenuta jekk jigi kostrett sabiex ihallas lil terzi xi parti mill-istess ammont.

Illi jigi wkoll dikjarat li l-bank tal-kcina, zewg sodod tal-kamra tat-tifla, gradenza u komodina ta’ l-istess kamra huma proprjeta’ parafernali ta’ l-attur.

6. Tilqa’ din it-talba u tapplika kontra l-konvenuta l-**artikoli 48 tal-Kodici Civili** nkluz li qed jigi ddikjarat li l-konvenuta ddekadiet mid-drittijiet successorji taghha fil-konfront ta’ l-attur.

7. Tilqa’ s-seba’ talba u tawtorizza lill-attur jghix flimkien ma’ wliedu esklussivament fid-dar matrimonjali li tinsab numru 3, Ghajn tal-Hajja Junction, Qormi, b’dan li l-istess konvenuta ma ghandha ebda dritt kwalunkwe fuq l-istess dar, li fil-fatt hija ilha li abbandubat sa minn Mejju 2000.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------